# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IT-30 TA' MEJJU 2019**

**Kawza Numru: 1**

**Rik. Gur. 109/2016 RGM**

**Fairbet Ltd (C 43673)**
**u St. Catherine Convenience Ltd(C 43554)**

**vs.**

**Malta Gaming Authority**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors guramentat tas-socjetajiet attrici** prezentat fil-11 ta' Frar, 2016 li permezz tieghu ippremettew u talbu is-segwenti:

1. "Illi s-socjetajiet attrici Fairbet Ltd u St. Catherine Convenience Ltd gia` Silverplay Company Ltd, joperaw billi jiggestixxu *amusement* u *bingo machines*;

2. Illi dawn is-socjetajiet xtaqu li jkabbru l-operat taghhom u ghal din ir-raguni kienu ddecidew li jgibu *bingo machines/flippers* ohra tal-loghob minn barra minn Malta, liema magni huma ta' valur konsiderevoli;

3. Illi s-socjetajiet attrici kienu ghamlu xhur ta' negozjati ma' kumpaniji esteri, liema kumpaniji kellhom jissuplixxu lis-socjetajiet attrici b'ammont ta' kaxxi tal-loghob aktar moderni sabiex dawn jingiebu fid-diversi hwienet ta' l-istess socjetajiet;

4. Illi dawn il-magni eventwalment ingiebu Malta wara li r-rapprezentanti tas-socjetajiet attrici kienu siefru barra minn Malta sabiex jikkonkludu n-negozjati u jwittu t-triq sabiex dawn l-istess magni jigu importati f'Malta u jingarru f'diversi hwienet;

5. Illi meta dan l-apparat wasal Malta, ma kien hemm l-ebda problema dwarhom, tant li l-Awtoritajiet tad-Dwana ma kienu sabu xejn irregolari fihom, u ghalhekk kien thallew jigu installati fid-diversi hwienet tas-socjetajiet attrici u dawn bdew immedjatament bl-operat taghhom. Illi tajjeb jinghad illi r-rikorrenti impurtaw dawn il-magni peress li inizjalment l-Awtorita` intimata il-permessi mehtiega u anki kellhom dokumentazzjoni fis-sens li tali magni setghu jigu impurtati u operati. Kien biss wara l-approvazzjoni ta' l-Awtorita` intimata li l-esponenti mexxew bl-importazzjoni ta' dawn il-magni kif hawn fuq spjegat;

6. Illi kien biss wara diversi xhur li dawn il-*bingo/flippers* bdew joperaw b'mod normali fid-diversi hwienet li l-Malta Gaming Authority issospendiet l-operat taghhom minhabba li skont din ta' l-ahhar tali magni u kaxxi tal-loghob ma kienux konformi mar-regolamenti taghha;

7. Illi minhabba tali agir ta' l-Awtorita` konvenuta s-socjetajiet attrici sofrew ammont ta' danni konsiderevoli u dan minhabba l-fatt li wara li s-socjetajiet attrici investew bil-kbir sabiex ikabbru l-operat taghhom u inkorrew bosta spejjez, u wara li bdew joperaw dawn il-magni fil-hwienet taghhom bil-barka u l-approvazzjoni ta' l-Awtoritajiet kompetenti, tigi habta u sabta l-Awtorita` konvenuta li tissospendi l-uzu ta' dawn il-magni u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet tas-socjetajiet attrici;

Ghaldaqstant tghid l-Awtorita` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra rikjesta mill-ligi, m'ghandiex:

*1.* Tiddikjara li s-socjetajiet attrici sofrew danni konsiderevoli u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli fuq l-Awtorita` konvenuta u dan minhabba l-fatt li s-socjetajiet atturi nkorrew spejjez konsiderevoli sabiex ikkonkludew in-negozjati, sabiex inxtraw il-magni u kif ukoll biex importaw u garew dawn l-istess bingo/flipper machines li sussegwentament gew imwaqqfa milli joperaw;

*2.* Tillikwida dawn l-istess danni sofferti u dan bl-opera ta' periti nominandi;

*3.* Konsegwentement, tikkundanna lill-awtorita` konvenuta thallas hekk dan likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-Awtorita` konvenuta li hu minn issa ingunta in subizzjoni."

Rat **ir-risposta ta' l-Awtorita` Maltija dwar il-Loghob** prezentata fl-10 ta' Marzu, 2016 fejn jinghad dan li gej:

1. "Illi l-ewwel u qabel kollox it-talbiet attrici huma perenti u preskritti a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u preliminarjament ukoll, l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom, kemm biex jipproponu l-kawza odjerna u anke biex jissoktaw b'din il-kawza, u fin-nuqqas, it-talbiet attrici kollha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' eccipjenti dejjem aggixxiet entro t-termini tal-mansjonijiet vestiti fiha a tenur tal-Artikolu 11 et seq tal-Att dwar Lotteriji u Loghob Iehor (Kap 438 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' esponenti imxiet *intra vires*, fl-interess pubbliku u skond id-dettami tal-Artikolu 11 tal-Kap 438 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull decizjoni li l-Awtorita' eccipjenti hadet fil-konfront tal-atturi hija gusta u l-validita' ta' kull tali decizjoni timmerita li tigi kkonfermata minn dina l-Onorabbli Qorti;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' eccipjenti ma tahti xejn talli l-atturi, bi ksur lampanti tal-Artikolu 7 ta' l-istess Att dwar Lotteriji u Loghob Iehor, xtraw u laqghu ghandhom, iqieghdu fis-suq u ghamlu disponibbli ghall-uzu apparat jew xi parti jew partijiet minn tali apparat li seta' kien/u rilevanti ghal-loghob, aktar u aktar meta dawn l-istess atturi ma kellhomx liċenza valida ghal dan l-iskop mahruġa mill-Awtorita' eccipjenti;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma ghal kollox frivoli u vessatorji u huma ntizi biss biex l-atturi, b'tentattiv imqanzah, jintromettu ruhhom fl-esekuzzjoni tal-mansjonijiet attribwiti mil-ligi stess lill-Awtorita' eccipjenti u fl-ezitu tad-decizjonijiet *intro vires* mehuda mill-Awtorita' eccipjenti;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' eccipjenti qatt ma aggixxiet in *mala fede* – anzi, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna, l-Awtorita' eccipjenti dejjem aggixxiet in *buona fede* u fl-ahjar interessi tal-industrija tal-loghob f'Malta u anke fl-ispirtu ta' dak rikjest mill-Att dwar Lotteriji u Loghob Iehor fir-rigward ta' kull min jixtieq jahdem fl-industrja sorveljata mill-Awtorita' eccipjenti. Ghalhekk, tenut kont il-provvedimenti tal-Artikolu 469A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex issib l-Awtorita' eccipjenti responsabbli ta' kwalsiasi danni li garrbu l-atturi;

10. Illi l-eccipjenti nomine tiddikjara li hi tokkupa l-kariga ta' Chief Legal Officer fi hdan l-Awtorita' dwar il-Loghob u tiddikjara wkoll li hi taf dwar il-fatti kollha hawn esposti, filwaqt li tiddikjara li hi debitament awtorizzata li tirraprezenta lill-Awtorita f'dawn il-proceduri.

    Ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici fl-interita' taghhom u minnflokk tikkonferma li d-decizjonijiet tal-Awtorita' eccipjenti li permezz taghhom waqqfet l-operat tal-magni tal-loghob citati mill-atturi huma gusti u validi u effettivi ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u b’rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-Awtorita’ eccipjenti skond il-ligi."

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta' April 2016 fejn il-Qorti iddekretat illi f'dan l-istadju kellhom jitressqu l-provi limitatament ghall-eccezzjonijiet preliminari tal-awtorita' konvenuta.

Rat it-testimonjanza tax-xhieda prodotti mill-awtorita' kovenuta u cioe' Dr Edwina Licari[1], Dr Dominic Micallef[2], Edmod Galea[3],

Rat it-testimonjanza ta' Dr Edward Gatt[4], Antoine Pace[5],Tyron Pisani[6].

Rat il-provi dokumentarji kollha preżentati.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet preżentata mill-awtorita' konvenuta tal-15 ta' Jannar 2019 dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnha sollevata.

Semgħat it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2019 dwar l-istess eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-awtorita' konvenut.

Ikkunsidrat;

**Fatti.**

F'Mejju tas-sena 2013 l-Awtorita' konvenuta bdiet tircevi applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' "other amusement machines". Fost l-applikanti kien hemm iż-żewġ soċjetajiet attriċi.[7] Fuq kull applikazzjoni hemm ir-referenza "Form LGA/AM2011-05" u intitolata "Registration of Other Amusement Machines". Fost il-kondizzjonijiet indikati fuq kull applikazzjoni ta' din ix-xorta insibu is-segwenti:-

"*The Authority considers that the Amusement Machines Regulations (Legal Notice 74 of 2011) issued under the Lotteries and Other Games*

[1] Fol. 169A
[2] Fol. 169F
[3] Fol. 222
[4] Fol. 262; 327
[5] Fol. 266; 314
[6] Fol. 322; 320
[7] Fol. 226

*Act (Cap. 438 of the Laws of Malta) empowers the Authority to request any person wanting to register an other amusement machine in Malta to fill in this Application Form.*

*If there is any changes in the information provided in the Application Form, it is the Applicant's responsibility to advise the Authority immediately. Failure to do so could result in the suspension or revocation of the relevant licence.*"

Filwaqt li "Other Amusement Machines" huma deskritti li huma:

*(a) billiards, pool and, or snooker tables unless operated electronically through video display;*
*(b) table-soccer tables unless operated electronically through video display; and*
*(c) 'kiddie-rides'."*

Fuq l-applikazzjoni jitnizzlu d-dettalji tal-applikant; "*Address of premises where the other amusement machine being registered will be situated";* ritratt tal-faċċata tal-post fejn il-magna tkun ser tiġi imqegħda; ritratt tal-"other *amusement machine";* u dikjarazzjoni tal-applikant li tinkludi s-segwenti:-

*"I understand that misrepresentation or failure to submit any information requested by the Lotteries and Gaming Authority ... shall be deemed as good and sufficient cause for refusal to register an other amusement machine as is being applied for or for an eventual revocation if such misrepresentation or failure is discovered at a later stage."*

L-applikazzjoni titlob illi mal-applikazzjoni jiġu annessi fost l-oħrajn:

" - *a manufacturer's certificate for the other amusement machine in conformity with Community law and standards*
- *manuals, including software manuals and any other documents issued by the manufacturer of the other amusement maching containing:*
*(i) - a full description of the Other Amusement Machine..............."*

Sussegwentement l-awtorita' konvenuta approvat l-applikazzjonijiet magħmula mis-soċjetajiet attriċi u irrilaxjat il-liċenzji intitolati "Other Amusement Machines Approval" liema liċenzja hija indefinittiva

sakemm ma tiġiex revokata, basta it-titolar tal-liċenzja jottempera ruħu mal-liġi rilevanti.[8]

F'Settembru tas-sena 2013 Antoine Pace, Carmelo Pisani u Tyrone Pisani, rappreżentanti tas-soċjetajiet attriċi, kellmu lil Edmond Galea, *senior account executive* tal-awtorita' konvenuta u lill-uffiċjali oħra tal-istess awtorita' dwar magni li kien beħsiebhom jimportaw fejn iddeskrivew dawk il-magni bħala simili bħal dawk li kienu applikaw għalihom f'Mejju u li kienu ġew reġistrati bħala "other amusement machines". Fl-10 ta' Settembru 2013 Edmond Galea bagħat email, li kopja[9] tagħha eżebita ma turiex lil min intbghatet iżda jidher li ġiet ikkupjata lill-uffiċjali oħra tal-awtorita' konvenuta, li taqra kif ġej:-

*"Dear All,*

*,*

*Due to the manual supplied by Mr Andrew Laurent in respect of the Magic Screen Pinball to revise all specs, the Lotteries and Gaming Authority Chief Inspector and the Technical staff came to the conclusion that this machine falls undher the "Other Amusement Machine" category.*

*As part of the normal procedure it is important to handle to the Lotteries and Gaming Authority the relevant applications when these are going to be placed on the market. Please attach a picture of the machine and another picture were the machine is hosted."*

Fl-4 ta' April 2014 l-awtorita' konvenuta kitbet lir-rappreżentanti tas-soċjetajiet attriċi tinformhom illi l-magni in kwistjoni ma setgħux jiġu konsiderati "other amusement machines' peress li kienu "gaming devices": "Therefore the Device is not lecensable under the Amusement Machines Regulations but may only currently be licenced under the Gaming Devices Regulations.......The Authority hereby instructs you that with immediate effect, the device is no longer approved as a registered other amusement machine and you or whoever is hosting the Device is to immediately switch off the Device and remove it from its current location where it is accessible to the public. Furthermore, in the coming days, the Authority shall communicate a date when an Authority Inspector shall remove the registration tag from

---

[8] Ara kopja ta' liċenzja a fol. 253 li approvat traslokar ta' magna minn każin tal-banda għal bar.
[9] Fol. 71

the Device."[10] L-ittra tkompli tispjega x'għandu jsir jekk is-soċjetajiet attriċi kienu ser japplikaw biex il-magni jkunu reġistrati bħala "Gaming Device".

F'Ġunju tas-sena 2014 rappreżentanti tas-soċjetajiet attriċi iltaqgħu ma' Dominic Micallef għan-nom tal-awtorita' konvenuta fejn l-atturi bdew jitolbu rifużżjoni tal-ispejjeż u danni li kienu inkorrew biex importaw il-magni li spiċċaw mingħajr liċenzja.

Fis-27 ta' Jannar 2015 l-awtorita' konvenuta informat lir-rapprezentanti tas-soċjetajiet attriċi illi l-pretensjonijiet tal-atturi kontra l-awtorita' konvenuta kienu qed jiġu respinti.

Sussegwentement saru diversi laqgħat mingħajr preġudizzju sabiex jesploraw ftehim izda transazzjoni ma seħħietx. Għalhekk l-atturi istitwew il-kawża odjerna fil-11 ta' Frar 2016.

**Konsiderazzjonijiet**.

Permezz tal-kawża odjerna qed tiġi deċiża l-eċċezzjoni sollevata mill-awtorita' konvenuta illi l-azzjoni attriċi hija preskritta u perenta bid-dekors ta' sitt xhur u dan ai termini tas-sub inċiż 3 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 16 li jaqra kif ġej:-

" (3) **Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt issubartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv**."

L-awtorita' konvenuta tirritjeni illi l-azzjoni attriċi tikkonsisti f'talba sabiex jiġi attakkat egħmil amministrattivu allura b'applikazzjoni tal-artikolu 469A (3) l-azzjoni hi perenta u preskritta żmien sitt xhur.

L-atturi mill-banda l-oħra isostnu illi l-azzjoni tagħhom ma hiex imsejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 iżda hija azzjoni għad-danni aquiliani. Għalhekk jinsistu illi l-azzjoni minnhom promossa ma hiex preskritta jew perenta bid-dekors ta' sitt xhur izda tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn.

Ikkunsidrat;

[10] Fol. 157

Kull kawża hi ċirkoskritta mit-termini tal-premessi u tat-talbiet. L-ilment fondamentali tal-atturi jinstab fl-aħħar premessa fir-rikors promotur:-

*8. Illi minhabba tali agir ta' l-Awtorita` konvenuta s-socjetajiet attrici sofrew ammont ta' danni konsiderevoli u dan minhabba l-fatt li wara li s-socjetajiet attrici investew bil-kbir sabiex ikabbru l-operat taghhom u inkorrew bosta spejjez, u wara li bdew joperaw dawn il-magni fil-hwienet taghhom bil-barka u l-approvazzjoni ta' l-Awtoritajiet kompetenti, tigi habta u sabta l-Awtorita` konvenuta li tissospendi l-uzu ta' dawn il-magni u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet tas-socjetajiet attrici;(*sottolinear tal-Qorti.)

Filwaqt li t-talba prinċipali tal-atturi hi:-

*4. Tiddikjara li s-socjetajiet attrici sofrew danni konsiderevoli u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli fuq l-Awtorita` konvenuta u dan minhabba l-fatt li s-socjetajiet atturi nkorrew spejjez konsiderevoli sabiex ikkonkludew in-negozjati, sabiex inxtraw il-magni u kif ukoll biex importaw u garew dawn l-istess bingo/flipper machines li sussegwentament gew imwaqqfa milli joperaw;* (sottolinear tal-Qorti).

**Azzjoni għad-Danni: Artikolu 469 (5) jew Azzjoni *Ex Delicto Vel Quasi*?**

L-atturi jsostnu li ma humiex qed jitolbu li d-deċiżżjoni li ħadet l-Awtorita' konvenuta fil-konfront tal-atturi tiġi mwarrba jew imħassra anke għaliex jirritjenu illi bit-trapass taż-żmien il-magni mertu tal-kawża odjerna illum huma obsoleti u li għalhekk it-tħassir tad-deċiżjoni lamentata ma hi ser ittihom l-ebda gwadan. Huwa għalhekk li l-atturi jsotnu li l-azzjoni minnhom promossa mhux qed issir taħt l-Artikolu 469A iżda hi l-azzjoni ġenerali għad-danni hekk magħrufa bħala "*ex delicto vel quasi*".

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi l-Awtorita' konvenuta taqa' fid-definizzjoni mogħtija mill-artikolu 469A ta' **awtorita' pubblika** bħala "*il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi*."

Mhux kontestat li l-awtorita' konvenuta hija korp magħqud kostitwit bis-saħħa ta' liġi li kienet in vigore fiż-żmien rilevanti.

Lanqas jidher li hemm kuntrast bejn il-partijiet illi d-deċiżżjoni li minnha qed jilmentaw l-atturi tikwalifika bħala "***Egħmil amministrattiv***" li skond l-istess artikolu 469A huwa definit bħala:-

> "il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:
>
> Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din lawtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira".

In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2013 fl-ismijiet "**Karmenu Mifsud vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta**" fejn il-fatti m'humiex 'il bogħod minn dawk tal-kawża odjerna, għalkemm f'dik il-kawża l-azzjoni kienet tirrigwarda liċenzji ta' vetturi motorizzati. F'dik il-kawża l-attur, bħall-attur fil-kawża odjerna, fittex għad-danni lill-awtorita' hemm konvenuta u sostna illi l-azzjoni tiegħhu ma kenitx imsejsa fuq l-artikolu 469A iżda kienet imsejsa fuq il-liġi ġenerali għad-danni. Il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid fir-rigward:-

> "*L-appellat jallega li huwa qatt ma talab lill-ewwel onorabbli qorti sabiex tistħarreġ l-għemil tal-awtorità u li allura l-pretensjoni tiegħu hija msejsa fuq il-prinċipji ġenerali tad-dritt ċivili, partikolarment fuq dawk ir-regoli li jirregolaw id-delitt. Madankollu, jingħad bir-rispett illi fil-każ odjern hemm ċar u tond att amministrattiv li minnu rrikorrent qiegħed jilmenta.* ........................*jekk wiehed kellu jaċċetta t-teżi tal-appellat, ikun qed ixejjen l-effetti tas-sub-inċiż (3) tal-art. 469A li jsir subartikolu bla effett għaliex jekk ikunu għaddew is-sitt xhur, azzjoni xorta waħda tista tinġieb wara l-paraventu li din hija azzjoni ġenerali għad-danni. "Hija l-fehma tal-awtorità appellanta illi dan ma jistax isir partikolarment ukoll meta dan is-sub-inċiż jikkontempla perjodu perentorju u li lanqas biss jista' jiġi interrott permezz ta' att ġudizzjarju jew b'kull mod ieħor li tista' tiġi interrotta l-preskrizzjoni."*
>
> "*Jingħad għalhekk illi sabiex l-ewwel qorti tanalizza jekk kienx hemm responsabblità fid-danni kellha neċessarjament tistħarreġ*

*l-għemil amministrattiv tal-awtorità. F'dan il-każ, l-għemil in kwistjoni, konsistenti fl-allegat rifjut, jew dewmien, ta' reġistrazzjoni ta' vetturi funebri da parti tal-awtorità, għandu jiġi sindikat u regolat skond il-liġi li tirregola l-atti amministrattivi tal-gvern u lawtoritajiet pubbliċi, u cioè skond l-art. 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, l-istħarriġ ta' jekk I-għemil amministrattiv huwa ultra vires jew le jista' biss isir ai termini tal-art. 469A u kwalunkwe danni se mai jistgħu jintalbu biss skond l-art. 469A(5) tal-Kap. 12.*"

*"Il-kwistjoni essenzjalment hija jekk it-talba ghad-danni tal-attur hijiex waħda taħt il-liġi ġenerali dwar danni ex delicto vel quasi jew hijiex taħt il-liġi speċjali tal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili...."*

*" 11. Il-premessa tal-azzjoni tal-attur hija illi l-awtorità konvenuta ħadet deċiżjoni – ir-rifjut li tippermetti r-reġistrazzjoni tal-vetturi – illi, għalkemm kienet fil-kompetenza tal-awtorità li teħodha, madankollu kienet ħażina għax ma hijiex raġonevoli u ttieħdet in mala fede. Jekk dan hu minnu, mela l-awtorità twieġeb għad-danni, iżda jekk id-deċiżjoni kienet tajba u valida, mela l-awtorità nqdiet sew bis-setgħat tagħha u ma għandha tagħmel tajjeb għal ebda danni.*

*12. Għalhekk, hija premessa meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tal-attur illi d-deċiżjoni tal-awtorità konvenuta tassew kienet waħda ultra vires għax abużiva u irraġonevoli: dan ma huwiex datum ta' fatt iżda jrid qabel xejn jiġi determinat billi tiġi mistħarrġa l-validità tal-għemil amministrattiv. Għalxejn l-attur jgħid illi "ma hemm l-ebda talba għat-tħassir jew għall-impunjazzjoni ta' xi għemil amministrattiv, iżda biss għas-sejbien ta' responsabbilità għad-danni", għax is-sejbien ta' responsabilità jista' jkun biss konsegwenza ta' stħarriġ dwar jekk ir-rifjut ta-lawtorità kienx validu jew le. Il-fatt illi l-attur illum ma jeħtiġlux jitlob it-tħassir tar-rifjut tal-awtorità, għax il-permessi nħarġu b'konsegwenza tal-liberalizzazzjoni tassuq, ma jfissirx illi ma jibqax meħtieġ li jsir stħarriġ tal-validità tar-rifjut biex jiġi determinat kienx għamil tajjeb jew le. 13. Dan l-istħarriġ huwa regolat bil-liġi speċjali tal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

*"15. Tassew illi hemm differenza bejn att magħmul mil-lamministrazzjoni pubblika u "att amministrattiv" magħmul fil-qadi tas-setgħat u d-dmirijiet ta' dik l-amministrazzjoni pubblika.*

*Huwa minnu wkoll illi mhux kull delitt jew kważi delitt magħmul minn awtorità pubblika huwa "delitt jew kważi-delitt li joħroġ minn att amministrattiv". Madankollu, fil-każ tallum id-deċiżjoni ta' rifjut tal-awtorità konvenuta ċertament kienet "att amministrattiv" kif imfisser fl-art. 469A(2), u meta l-azzjoni għar-riżarċiment tad-danni hija msejsa fuq "delitt jew kważi-delitt li joħroġ minn att."*

Ikkunsidrat;

Joħroġ ċar sew mill-premessi kif ukoll mit-talbiet attriċi illi għalkemm l-atturi mhux qed jitolbu speċifikatament it-tħassir tad-deċiżżjoni tal-awtorita' konvenuta, qegħdin jilmentaw minn tali deċiżżjoni għaliex jallegaw illi b'riżultat ta' tali deċizzjoni sofrew danni inġenti li qed jitolbu li l-awtorita' konvenuta tiġi kundannata tħallashom. Fiż-żmien rilevanti l-awtorita' konvenuta kienet regolata bl-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor (Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta revokat bl-Att XVII tal-2018) u għalhekk kwalunkwe ordni tagħha lamentat irid jigi evalwat fid-dawl tal-liġi applikabbli għall-awtorita' konvenuta fiż-żmien rilevanti.

L-atturi jsostnu illi l-azzjoni tagħhom hija l-azzjoni għad-danni aquiliani u allura hija preskritta bid-dekors ta' sentejn filwaqt li l-awtorita' konvenuta issostni illi l-azzjoni tal-atturi taqa' taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 u allura hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur.

Azzjoni taħt l-Artikolu 469A tirrigwarda stħarriġ dwar jekk l-egħmil amministrattiv li wieħed qed jilmenta minnu hux validu jew inkella talba sabiex egħmil amministrattiv jiġi dikjarat invalidu, null jew mingħajr effett.

Fil-fehma tal-Qorti, una volta li l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni ġudizzjarja li huma sofrew danni li għalihom hija responsabbli l-Awtorita' konvenuta, (are t-tielet talba fejn il-Qorti qed tintalab li tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta tħallas lill-atturi d-danni likwidati) tali talba tinkludi talba sabiex il-Qorti tistħarreġ il-validita' tad-deċizzjoni tal-awtorita' li twaqqaf lill-atturi milli jkomplu juzaw il-magni de quo bħala "*other amusement machines*'.

Ġialadarba l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta tħallas id-danni lill-atturi, tħares kif tħares lejha l-azzjoni attriċi hija azzjoni sabiex il-Qorti tistħarreġ egħmil amministrattiv minn awtorita' pubblika. Sakemm mhux "provdut mod ieħor bil-liġi" il-

Qorti għandha l-ġurisdizzjoni li tisħarreġ l-egħmil amministrattiv dejjem fil-parametri tal-artikolu 469A. Mhux konsentit illi min jadixxi lill-Qorti bil-mezzi ordinarji sabiex jattakka deċiżżjoni amministrattiva jagħzel illi jevita l-Artikolu 469A u minflok isejjaħ il-kawża minnu istitwita bħala azzjoni *ex delicto vel quasi*.

**Artikolu 469A** jipprovdi kif ġej:-

"(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:

(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;

(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:

(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew

(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew

(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.

[...]

(5) F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra."

Ikkunsidrat;

Is-subinċiż 5 jagħti d-dritt lil min jaġixxi kontra l-awtorita' pubblika sabiex jattakka egħmil amministrattiv, li fl-istess kawża jitlob il-ħlas tad-danni. Huwa għalhekk evidenti illi ma kien hemm l-ebda impediment sabiex l-atturi jadixxu lill-Qorti ai termini tal-Artikolu 469A u jitolbu anke d-danni. Il-fatt li azzjoni ai termini tal-Artikolu 469A hija ta' kompetenza tal-Qorti Civili Prim' Awla, ma hemm l-ebda limitu fil-quantum tad-danni li jista' jiġi likwidat f'kawżi taħt l-Artikolu 469A .

**Artikolu 469A (3) - Terminu ta' Dekadenza ta' 6 xhur**.

Stabbilit illi l-azzjoni attriċi tista' biss tinkwadra ruħha taħt l-artikolu 469A, il-provvediment legali applikabbli fir-rigward tal-perentorjeta' tal-azzjoni attriċi huwa Artikolu 469A sub-inċiż 3:-

> "Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv".

Ġialadarba l-atturi mhux qed jinvokaw ksur tal-Kostituzzjoni fit-termini tal-Artikolu 469A (1) (a), isegwi illi l-azzjoni attriċi hija perenta jekk ġiet intavolata wara li skada t-terminu applikabbli ta' sitt xhur.

Dwar it-terminu ta' sitt xhur kellha dan xi tgħid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Spiteri et. vs Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika"**moghtija fit-12 ta' Marzu 2019:-

> "In kwantu ghall-perjodu ta' sitt xhur stipulat taht l-Artikolu 469A(3), jigi mtenni li dan il-perjodu huwa wiehed ta' dekadenza u mhux ta' semplici preskrizzjoni. Dan jinsab spjegat sew kemm fis-sentenza ta' din il-Qorti, tal-31 ta' Mejju, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Roberto Zamboni noe. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et,** kif ukoll f'dik aktar recenti tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Ragonesi & Company Limited pro. et. noe. v. Koporazzjoni Enemalta et** fejn inghad ukoll: "Dan ifisser li tali terminu ma jigix interrott jew sospiz bhalma jigri fil-kaz ta' terminu ta' preskrizzjoni. Ghalhekk atti gudizzjarji li normalment jitqiesu tajbin biex jinterrompu perjodu preskrittiv, jew il-fatt li tkun ghaddejja korrispondenza jew li ssir diskussjoni

> bejn il-partijiet wara li jkun sar l-ghemil amministrattiv, ma jservi xejn biex jinterrompi l-perjodu ta' sitt xhur imsemmija fil-ligi. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawza flismijiet Co-Op Services Limited v. Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku u dik tat-23 ta' Novembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet Abdel Hamid Alyassin v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et)".

Mill-atti jirriżulta illi kien fl-4 ta' April 2014 li l-Awtorita' konvenuta formalment infurmat lis-soċjetajiet atturi bid-deċiżżjoni lamentata illi l-*bingo machines* minnhom importati ma setgħux jibqgħu reġistrati bħala 'other amusement machines" u kellhom jitneħħew mill-użu. Il-kawża odjerna ġiet intavolata fil-11 ta' Frar 2016, kważi sentejn wara.

Kwalunkwe laqgħat li saru bejn il-partijiet bejn l-4 ta' April 2014 u l-jum li fih ġiet intavolata l-kawża odjerna ma setgħu qatt jissospendu terminu perentorju ta' dekadenza. Għaldaqstant l-azzjoni attriċi hi perenta.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' konvenuta, tiddikjara l-azzjoni promossa mis-soċjetajiet atturi bħala perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet attriċi b'applikazzjoni tal-artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**